# IL-BINI TAN-NAVI TLESTA 90 SENA ILU, FL-1904

Fit-8 ta' Jannar tas-sena 1888, ħa l-pussess bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa, il-Wisq Reverendu Dun Orazju Grima, qassis Ħal Luqi, wara li kien serva bħala Kappillan ta' Ħaż-Żabbar u ta' Ħal Safi. Kien proprju Dun Orazju Grima li ħa l-inizjattiva biex il-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa tikber billi jiżdidulha n-navi.

Skond kif kien kiteb hu stess lill-Isqof tiegħu, Mons. Pietro Pace, fid-29 t'April, 1901: "... ir-raħal tant kiber li l-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija mibnija 170 sena ilu, ma tesax ħlief wieħed minn kull tlieta tal-popolazzjoni. Ħafna drabi, il-biċċa l-kbira tan-nies f'okkażżjonijiet speċjali – sew il-Ħdud, kemm fil-festi – ma jkunux jistgħu jisimgħu il-Kelma t'Alla... Il-bżonn li ntellgħu in-navi tal-Knisja ilhu jinħass..."

U l-approvazzjoni ta' l-Isqof Pietru Pace waslet fl-1 ta' Mejju, 1901. Il-pjanti tan-navi u l-faċċata tal-knisja kienu saru mill-perit Ħal Luqi Franġisku Sammut, x'aktarx mgħejjun minn Indri Vassallo. Wara laqgħa li kienet saret bejn xi mgħallmin mal-Kappillan u ma' Dun Ġużepp Vassallo, Pietru Vassallo intgħażel biex jagħmel ix-xogħol. Dan mill-bidu deher li ma kienx qabel mal-pożizzjoni tal-kampnar kif murija fil-pjanta tal-Perit F. Sammut.

Ix-xogħol beda fis-16 ta' Mejju 1901 u għaxart ijiem wara bdew jitqegħdu l-pedamenti. L-imgħallem Vassallo deher l-ewwel darba fuq ix-xogħol nhar il-Ħadd, 9 ta' Ġunju. Ħadd wara beda l-inkwiet, u r-raġuni prinċipali kienet il-kampnari. Il-kappillan kien iddeċieda li jieħu parir mingħand il-perit Michael Busuttil, u wara li dan ra ż-żewġ pjanti tal-faċċata, (dik tal-perit Sammut u tal-imgħallem Vassallo) dan qabel kompletament mal-perit Sammut. Is-Sibt 27 ta' Lulju, saret laqgħa bejn il-perit u l-imgħallem dwar ix-xogħlijiet u kulħadd ħaseb li l-inkwiet issa kien tbiegħed.

Sa l-aħħar ta' Settembru kien hemm 10 filati ġebel fuq in-naħa tal-Agunija u sebgħa fin-navi tan-naħa l-oħra. Il-ġamhar kien għadu jaqbad, sakemm fl-1 ta' Novembru l-perit Sammut kiteb lill-Kappillan fejn qallu li kien bi ħsiebu jitlaq mill-ikarigu għax l-imgħallem Vassallo ma kienx qed isegwi dak li kien qed jgħidlu u kien qed jagħmel fattih. Dan l-inkwiet kien qed jagħtih ġewwa lill-Kappillan Grima. Saru diskussjonijiet, waqaf ix-xogħol ta' fost il-ġimgħa, biex b'hekk ix-xogħol beda jsir il-Ħadd taħt għajnejn il-perit. Iżda kien kollu ta' xejn. Il-perit Sammut kien għamilha ċara li lejn Ħal Luqa ma kienx ser jersaq sakemm jibqa' l-imgħallem Vassallo. B'hekk ix-xogħol waqaf għal kollox.

Peress li l-kappillan xejn ma kien iħossu tajjeb, ħa x-xogħol f'idejh Dun

Ġużepp Vassallo, li mill-ewwel fittex imgħallem ġdid fil-persuna ta' Franġisku Micallef, li wara daħal minn floku ibnu Salvu. Fi ftit taż-żmien reġa' beda x-xogħol u beda miexi b'ritmu mgħaġġel. Sa Frar 1902, l-imgħallem Salvu Micallef beda l-iskultura tal-bieb.

Kif għidna qabel, l-inkwiet li kien inqala' waqt ix-xogħol kien taħ ġewwa wisq lill-Kappillan Grima. Hekk li fis-6 ta' Awissu, 1902, fuq il-parir tat-tabib tiegħu, kiteb lill-Isqof fejn qallu li kellu bżonn il-mistrieħ mit-tmexxija tal-parroċċa. L-Isqof laqa' t-talba tiegħu u fis-26 ta' Settembru, 1903, ħa l-pussess minfloku Dun Anton Vella minn Bormla, li qabel ma nħatar kappillan ta' Ħal Luqa kien diġà Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Dun Orazju Grima wara sar Arċipriet u Monsinjur tal-Kattidral, u fl-1912 intgħażel Kantur tal-Kapitlolu. Dun Orazio Grima miet fis-26 ta' Ottubru, 1922.

Sadanittant, ix-xogħol fuq in-navi kompla sejjer ġmielu tant li f'Ġunju 1903, Salvu Micallef kiteb fid-djarju tiegħu li kien beda l-iskultura fin-navi. Sa l-aħħar tas-sena 1903, ix-xogħol tal-ġebel fin-navi kien tlesta.

Wara li tlesta x-xogħol tal-ġebel, il-Kappillan Vella ħaseb mill-ewwel għall-altari kif ukoll għall-inkwadri. Instabu diversi benefatturi kemm biex issir il-pittura kif ukoll biex isiru l-altari. Waqt li x-xogħol fin-navi kien għadu għaddej f'dak li kellu x'jaqsam ma' l-invjar u skultura, f'Jannar 1904 bdew jinħattu l-kampnari biex tinbeda l-faċċata l-ġdida tal-knisja.

Fl-aħħar in-navi kienu tlestew wara tlett snin xogħol, u qabel it-tridu tal-festa ta' Sant'Andrija tas-sena 1904 tbierku mill-Kappillan Dun Anton Vella. Il-gazzetta *Malta* faħħret il-ħila tal-Perit Sammut li kien kapaċi jgħeleb il-ħafna problemi tekniċi li kien iltaqa' magħhom fil-bini tan-navi. Il-gazzetta *Malta Tagħna* kellha dal-kumment għar-rigward: "Opra li rnexxiet tassew taħt id-direzzjoni tal-Perit Franġisku Sammut li tant impenja ruħu biex jarahom lesti allavolja kellu min ifixklu... għamel opra li tibqa' tissemma ma' Malta kollha!"

---

Referenzi:
Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha
(Rev. J. Micallef)



INDUSTRIAL STREET, QORMI
DORMAX PRESS T-SHIRTS
WHITE & COLOURED T-SHIRTS
PRINTED WITH YOUR ADVERT





*Il-Knisja Parrokkjali bejn is-snin 1908-1942 bin-navi u l-faċċata l-ġdida*